**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 2**
**Appell Nru: 51/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Denise Mula )**

**Vs**

**SILVIO BORG**

**Illum, 22 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Silvio Borg talli fid-29 t'Awwissu, 2000, ghal habta tal-11.00 p.m., fi Triq Dottor Nikol Zammit, Siggiewi, u f'inhawi ohra :

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAO 185 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija ;
2. Ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-Riskji ta'Terzi persuni ; u
3. Ingurja jew hedded lil Paul Abela bil-kliem.

Rat is-sentenza moghtija fl-1 ta'Marzu, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lil-Silvio Borg hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu fuqhom komplessivament Multa ta'Lm250, u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Silvio Borg datat 13 ta'Marzu, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-Qorti sejra tibda billi tiddisponi mit-tielet aggravju ta' l-appellant fejn qed jikkontendi illi t-tielet akkuza, dik ta' ingurji jew theddid bil-kliem lill-Paul Abela, kienet preskritta. L-appellant ghandu ragun l-ghaliex hawnhekk tapplika l-preskrizzjoni trimestrali w dawn huma reati ta'natura kontravvenzjonali. Barra minn hekk ma jidherx li l-appellant kien gie notifikat bic-citazzjoni qabel ma skada dan it-terminu ta' tlett xhur u lanqas ma kien hemm xi interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv.

Dwar l-aggravji l-ohra ta' l-appellant, dawn jirreferu ghall-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Dik il-Qorti, wara li analizzat il-provi kollha, bhal ma ghamlet ukoll din il-Qorti, dehrilha li l-akkuzi tas-sewqan minghajr licenzja tas-sewqan u meta l-appellant ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' kienu jirrizultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, certament dik il-Qorti setghet legalment u

ragjonevolment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom, u din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, kemm fil-meritu, kif ukoll fil-piena li hi fil-parametri preskritti mil-ligi ghal dawn it-tip ta'reati.

Ghalhekk, il-Qorti tiddisponi mill-appell ta'Silvio Borg billi filwaqt li qed tilqghu limitatament ghat-tielet akkuza, u ghalhekk qed tirrevoka s-sentenza appellata f'dan ir-rigward u tilliberah minn tali akkuza, qed tikkonfermaha fil-bqija, inkluza kull piena w ordni moghti mill-ewwel Qorti

Aldo Testone
Deputat Registratur